**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEO TAŻ-ŻGĦAR 2003**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**It-Tieni Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ________________________ Klassi: ________________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B(i) | B(ii) | B(iii) | B(iv) | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 7 | 4 | 3 | 1 | 15 | 6 | 7 | 7 | 14 | 16 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet :

# MILLTOWN PARK - ta' Ġużè Delia



L-aħħar snin tal-formazzjoni tiegħi reliġjuża, jiġifieri l-erba' snin li kien fadalli ta' l-istudji tat-Teoloġija, għaddejthom Milltown Park, l-Irlanda, fejn ukoll kelli x-xorti li nordna saċerdot fl-1930. L-Irlanda kont tassew għal qalbi u stħajjiltni ċittadin ta' din il-gżira sabiħa li baqgħet magħrufa għall-ġmiel tal-ħdura li żejjinha bl-isem sabiħ ta' *The Emerald Isle*, il-gżira ta' l-esmeraldi. (par. 1)

Milltown Park hi xi nofs siegħa bogħod miċ-ċentru tal-belt ta' Dublin. Hi dar kbira li fiha kienu jsiru l-istudji tal-Filosofija u tat-Teoloġija. Konna ninġabru studenti Ġiżwiti minn ħafna nazzjonijiet. Barra l-Irlandiżi, konna wkoll għadd mhux ħażin ta' Awstraljani, xi ftit Ingliżi, Spanjoli, Amerikani, Taljani. Jiena kont l-uniku Malti. (par. 2)

Dejjem esperjenza kbira titħallat ma' dawk in-nazzjonijiet barranin, tipprova tadatta ruħek għall-mentalità tagħhom, tipprova tifhimhom, titgħallem xi ħaġa fuq l-istorja ta' pajjiżhom. (par. 3)

Dak li l-aktar laqatni meta rfist fuq din il-gżira ta' San Patrick kienet din, kif l-ilsien Irlandiż, li hu Gaelic, li qabel kien l-ilsien ewlieni ta' dan il-poplu, kien kważi spiċċa għal kollox. Fi żmieni kienu qegħdin jerġgħu jippruvaw iqajmuh. Dawk li kienu jitkellmuh kurrenti kienu ftit ħafna. U kienu jitkellmuh għax kienu studjawh. Barra fit-toroq, fil-ħwienet, fid-djar, anki fl-irħula l-aktar imwarrbin, ma kontx tisma' ħlief l-Ingliż. (par. 4)

Issa l-ilsien hu l-aktar ħaġa diffiċli li jista' jinqered mill-fomm u mill-qalb tal-poplu. Lanqas fostna l-Maltin bil-ħafna ħakmiet ta' popli barranin li kellna matul is-sekli, il-Malti qatt ma nqered u għalkemm tilef ħafna mill-vokabularju tiegħu, imma baqa' ħaj u għadu l-ilsien nazzjonali ta' gżiritna. (par. 5)

Fejn il-Gaelic issibu fuq fomm il-poplu, fost is-sajjieda fuq ix-xtut ta' l-Atlantiku, in-naħa tal-punent ta' l-Irlanda, illum dawk li jridu jitgħallmu l-Irlandiż imorru f'dawk l-irħula biex jisimgħu minn fomm is-sajjieda kif kienu jitkellmuh missirijiethom ħafna sekli ilu. (par. 6)

## A. FEHIM IT-TEST (7 marki)

1. X' impressjoni għandu Ġużè Delia ta' l-Irlanda minn dak li qrajt fl-1 paragrafu? Għaliex? ______________________________

______________________________ (2)

2. X'kienu jmorru jagħmlu l-istudenti Ġiżwiti ġewwa Milltown Park ? (par. 2)

______________________________

______________________________ (1)

3. Għaliex hija esperjenza kbira meta titħallat mal-barranin ? (par. 3)

______________________________

______________________________ (1)

4. Liema lsien kienu jużaw l-iżjed l-Irlandiżi flok il-Gaelic ? (par. 4)

______________________________ (1)

5. Għaliex l-ilsien Malti u ilsna oħra jibqgħu ħajjin minkejja d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom ? (par. 5) ______________________________

______________________________ (1)

6. Minn fost il-poplu, min għadu jinqeda sewwa bil-Gaelic ? (par. 6)

______________________________ (1)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (23 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

1. Mill-1 paragrafu ikteb il-frażi li turi li kienet xi ħaġa speċjali għal Ġużè Delia meta kien ordnat saċerdot fl-1930. ______________________________ (1)

2. Ikteb l-idjoma li turi li l-Irlanda kienet togħġbu lil Ġużè Delia. (par. 1)

______________________________ (1)

3. *għadd mhux ħażin* (par. 2) turi :
kwantità ☐ xi ħaġa pożittiva ☐ (1)

4. *…titgħallem xi ħaġa fuq l-istorja ta' pajjiż**hom**.* (par. 3) Għal min qiegħed jirreferi l-pronom **hom** fil-kelma *pajjiż**hom*** ?

______________________________ (1)

## (ii) LESSIKU / VOKABULARJU

1. Fisser : *kont l-uniku Malti* (par. 2) ______________________________ (1)

2. X'ried ifisser l-awtur bil-kelmiet : *kienu jitkellmuh kurrenti* (par. 4) ?

______________________________________________________ (1)

3. X' tifhem meta ngħidu li l-ilsien Malti huwa l-ilsien nazzjonali ta' gżiritna (par. 5) ?

______________________________________________________ (1)

## (iii) SINTASSI / SENTENZI

Biddel is-sentenza iżda żomm l-istess tifsira.

1a. Barra fit-toroq, fil-ħwienet, fid-djar, anki fl-irħula l-aktar imwarrbin, ma kontx tisma' ħlief l-Ingliż.

1b. L-ilsien Ingliż ______________________________________________

______________________________________________________ (1)

## (iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

**Il-Pronomi**

1. Ikteb kelma waħda flok il-kliem b'sing taħtu :
   a) resqet lejn it-tifla. - ____________________
   b) ġab lili dahri mal-ħajt. - ____________________
   ċ) l-għajnejn tiegħu kienu jaraw ħafna.
   ____________________ (3)

**Il-Partiċelli**

2. Agħżel it-tajba u imla l-vojt :
   a) (Bħal-, Bħall-, Bħal) ____________ libsa tiegħi ma tarax.
   b) (Għall-, Għal, Għal-) ____________ magħmul m'hemmx kunsill.
   ċ) Tiġix bil-mixi (mil-, mill-) ____________ Belt. (3)

**In-Numri**

3. Biddel in-numri fi kliem :
   a) Fi żmien 8 ______________ ijiem trid iġġib ix-xogħol li tajtek tagħmel.
   b) Fil-klassi qegħdin 19 ______________ -il student u studenta.
   ċ) Attendew 300 ______________ membru għall-konferenza. (3)




4. (i) Oħroġ verb mill-għerq / zokk morfemiku fil-parentesi :

a) Aħna ma (ħ - r - ġ) __________________ magħhom.

b) Huwa (f – r – ħ) ______________ lit-tfal biċ-ċajt li qal.

ċ) Li (esport) ___________________ huwa importanti għall-pajjiż. (3)

(ii) Agħti l-għerq tal-verbi b'sing taħthom :

a) Intom ilqajtu ________________ l-mistednin.

b) Naddafna _______________ kullimkien.

ċ) Rabbew _________________ 'l uliedhom tajjeb. (3)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (6 marki)

### QWIEL – Xiri u Negozju, Għaġla u Nuqqas ta' Ħsieb

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba u wara agħti t-tifsira tal-qawl.

1. In-negozju trid tkun _______________ għalih. (tajjeb, ħażin)

**Tifsira-** ______________________________________________________________

2. Talli tħallas ______________. (tieħu, tagħti)

**Tifsira-** ______________________________________________________________

3. Iż-żmien għażiż ma _____________________. (jinbiegħx, jinxtarax)

**Tifsira-** ______________________________________________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (7 marki)

Agħżel **WAĦDA** u ikteb madwar 60 kelma.



1. In-nannu u n-nanna. Ikteb dwar il-karattri tagħhom.

2. Agħti 6 istruzzjonijiet lill-ħabib/a tiegħek dwar x'wieħed għandu jevita meta jmur ħdejn il-baħar biex ikun jista' jkompli jgawdi saħħtu.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA (7 marki)

F'madwar 60 kelma agħti tagħrif dwar **WIEĦED** mill-personaġġi li fittixt dwaru din is-sena.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

## F. LETTERATURA (30 marka)

(i)

**POEŻIJA - NADRIET 2** - Wieġeb il-mistoqsijiet A u B
(14-il marka)

**A.** Riferenza għall-Kuntest – **Wied Qirda** ta' Dun Karm

Nisma' ġol-fraxxnu u ġol-ħarrub tal-plajja
bħal karba twila ta' min qed ibati
U jigdem l-art fl-uġigħ ta' l-aħħar firda;

i) Fisser x'kellu f'moħħu l-poeta b'din it-terzina. ____________________
____________________ (2)

ii) F'din il-poeżija, f'liema ġrajja jiftakar il-poeta meta jħoss il-mewt għaddejja minn fuq Wied Qirda?
____________________
____________________ (2)

iii) X'forma ta' poeżija hija *Wied Qirda* ? (sunett petrarkjan, sunett shakesperjan)
____________________ (1)

iv) Kemm irid ikollu sillabi kull vers tas-sunett? ____________________ (1)

**B.** i) Irrakkonta l-ġrajja li tana Rużar Briffa fil-poeżija *Ballata* f'madwar 6 linji.

(6)

ii) Għid fi kliemek xi tkun ballata.

(2)

(ii)

**PROŻA** - Wieġeb il-mistoqsijiet A u B
(16-il marka)

**A.** **Nies Bla Sabar** ta' Temi Zammit (8 marki)

Agħżel **WAĦDA** u ikteb madwar 8 linji

i) Ikteb dwar id-drawwiet marbutin ma' Mard, Duwa u Fejqan.
ii) Ikteb dwar ix-xogħol ta' l-iskarpan kif jurih Temi Zammit fil-kitba **Mastru Ġakbu**.

**B.** **Ħolm tal-Milied?** ta' Trevor Żahra (8 marki)

Agħżel **WAĦDA** u ikteb madwar 8 linji

i) Fil-ħolma Leli sab ruħu għand ix-xjuħ u x-xwejjaħ ħa lil Leli sal-wied fejn Leli kellu l-ewwel laqgħa ma' Betti. Ikteb dwar din il-laqgħa.

ii) Matul ir-rumanz niltaqgħu ma' ħafna drawwiet marbutin mal-Milied. Semmihom u ikteb dwarhom.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 250 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata)

1. Dak in-nhar tal-festin ta' għeluq snini kont qiegħed/qiegħda nieħu gost issemmix meta……
2. Jiena u l-vaganzi tas-sajf tiegħi.
3. Ikteb dwar dak li jogħġbok u ma jogħġbokx u tixtieq tarah aħjar fl-ambjent ta' ħdejn il-baħar fis-sajf.
4. Marret għajnek bik waqt li kont fuq il-*lilo* f'wiċċ baħar kalm ! X'ġara malli stenbaħt ?
5. Ikteb dwar persuna minn fost il-qraba tiegħek li tolqtok l-aktar.